# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 6 ta’ Marzu, 2023

**Kawża Nru.  2**

**Rik. Nru. 49/2022 ISB**

**Petrozavodsk Gruppa Ltd (C 65063)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta **Petrozavodsk Gruppa Ltd,** pprezentat fid-29 ta’ April 2022, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

*(1) Tordna sabiex il-kumpanija Petrozavodsk Gruppa Ltd (C 65063) tiġi xolta u konsegwentament stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti abbażi tal-Artikolu 214(1)(a) tal-Att dwar il-Kumpanniji; u*

*(2) Taħtar stralċjarju sabiex jieħu f'idejh il-proċess tal-istralċ tal-kumpanija rikorrenti ai finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; u*

*(3) Tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi dan ir-rikors qiegħed isir a tenur tal-artikolu 218(1)(a) tal-Att dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta (hawn msejjaħ bħala l-"Att") permezz ta' liema qiegħed jintalab l-istralċ tal-kumpanija rikorrenti wara risoluzzjoni straordinarja tal-istess kumpanija meħuda skont l-artikolu 214(1)(a) tal-Att.*

2. *Illi l-kumpanija rikorrenti ġiet kostitwita bħala kumpanija ta' responsabbilità limitata fil-09 ta' Mejju tas-sena 2014 bin-numru uffiċjali C 65063, bl-għan prinċipali li iżżomm ishma f'kumpaniji, soċjetajiet kummerċjali u negozji bħala parent company, fost l-oħrajn (kopja tal-Memorandum u l-Artikoli tal-Assoċjazzjoni annessi bħala* ***'Dok P1'****);*

3. *Illi l-unika kumpanija sussidjarja tagħha, u ċioé Besedka Software & Services Ltd (C 65064), waqfet l-operat tagħha u kienet inattiva għal dawn l-aħħar snin, tant li kontestwalment ma' din ir-rikors ġie intavolat rikors da parte tal-istess kumpanija sussidjarja sabiex din tiġi xolta u stralċjata minn din l-Onorabbli Qorti.*

4. *Illi insegwitu għal diversi laqgħat li tħejjew bejn id-diretturi u kif ukoll il-membri tal-kumpanija dwar il-prosoetti tal-kumpanija, ġie deċiż illi l-kumpanija għandha tiġi xolta u konsegwentament stralċjata.*

5. *Illi d-diretturi ma humiex f'pożizzjoni li jikkonfermaw is-solvenza tal-kumpannija minħabba li ma kienux f'pożizzjoni li jottjenu l-aktar kontijiet riċenti tal-kumpanija, tant li l-aħħar kontijiet li tħejjew u ġew ippreżentati jirrisalu għas-sena 2018.*

6. *Illi dan ġie sussegwentament ikkonfermat permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja bil-miktub meħuda mill-membri kollha tal-kumpanija, fejn ġie deċiż li l-kumpanija għandha tiġi xolta u tkun stralċjata permezz tal-qorti (kopja tar-riżoluzzjoni annessa bħala* ***'Dok P2'****).*

7. *Illi avviż ta' din ir-riżoluzzjoni ngħata mill-kumpanija rikorrenti lir-Reġistru tal-Kumpaniji ai termini tal-Artikolu 265 tal-Att (kopja annessa bħala* ***'Dok P3'****).*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok P1 sa Dok P3) (fol 5 sa fol 22).

Rat id-**digriet** tagħha tas-16 ta' Mejju 2022 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Lulju 2022 fid-9:30 a.m.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2022, dehru l-Avukat Nikol Caruana u l-Avukat Maria Debono għas-soċjeta` rikorrenti u ppreżentaw nota (fol 30) b'affidavit ta' **Alexander Nicholas Walta** (Dok P4, fol 31 sa 32)

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2022, id-difensuri tas-soċjeta` rikorrenti iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u għalhekk l-kawża ġiet differita għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluz mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjeta` rikorrenti ai termini tal-Artikoli **214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi s-soċjeta rikorrenti tgħid li ġiet kostitwita bħala kumpanija ta' responsabilita` limitata fid-9 ta' Mejju 2014 bin-numru uffiċjali C 65063 bl-għan prinċipali li żżomm ishma f'kumpaniji, soċjetajiet kummerċjali u negozji bħala *parent company*.

Tgħid illi l-unika kumpanija sussidjarja tagħha, u ċioe` Bedeska Software & Services Ltd (C 65064), waqfet l-operat tagħha u fil-fatt hemm talba quddiem din il-Qorti sabiex l-istess kumpanija tiġi xolta u stralċjata (procedura illi ser tigi deciza illum ukoll).

Tgħid illi ġie deċiż kemm mill-membri kif ukoll mid-diretturi tal-kumpanija li l-istess kumpanija għandha tiġi xolta u konsegwentament stralċjata.

Tgħid illi d-diretturi mhumiex f'posizzjoni li jikkonfermaw is-solvenza tal-kumpanija minħabba li ma kinux f'posizzjoni li jottjenu l-aħħar kontijiet tal-kumpanija u filfatt l-aħħar kontijiet ġew sottomessi fl-2018.

Tgħid li b'riżoluzzjoni li saret skont il-liġi, ġie deċiż illi l-kumpanija għandha tiġi xolta u tkun stalċjata permezz tal-Qorti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi **s-soċjeta rikorrenti** ppreżentat kopja tal-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tas-soċjeta` rikorrenti. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dan id-dokument u tinnota li l-oġġettiv tal-kumpanija huwa dawk kkwotat fir-rikors promotur.

Is-soċjeta` rikorrenti ppreżentat ukoll Risoluzzjoni Straordinarja tat-3 ta' Marzu 2022 fejn ġie riżolt li l-kumpanija għandha tiġi stralċjata mill-Qorti u kwalunkwe direttur tal-kumpanija jista` jagħmel rikors lill-Qorti għan-nom tal-kumpanija għax-xoljiment u l-istralċ tal-istess kumpanija ai termini tal-artikoli 214(1)(a) u 218(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-affidavit tiegħu **Alexander Nicholas Walta** jgħid li huwa wieħed miż-żewġ diretturi tas-soċjeta` rikoerrenti Petrozavodsk Gruppa Ltd li hija soċjeta` b'responsabbilita

limitata li ġiet kostitwita fl-2014, u li ai termini tal-Memoradum u l-istatut ta' Assoċjazzjoni taghha, l-objettiv tagħha huwa bħala *holding company* tal-kumpanija sussidjarja Besedka Software & Services Ltd, li kienet inkorporata sabiex tipprovdi konsulenzi u servizzi ta' *software development*. Jispjega li n-negozju tal-istess soċjeta` sussidjarja ilu wieqaf mill-2019 u m'hemmx l-intenzjoni jew l-prospettiv li terġa` tiġi operattiva u għalhekk kien hemm id-deċiżjoni li l-kumpanija sussidjarja tiġi xolta u stralċjata ukoll. Jispjega illi fil-fatt, hu flimkien mad-direttur l-ieħor Michael Rubin, iddeċidew li jkun fl-aqwa interess li l-kumpaniji jiġu xolti f'salt minħabba l-fatt li m'hemmx skop għall-eżistenza tagħhom.

Jgħid li dan ġie kkomunikat lill-azzjonisti tal-kumpanija li qablu li l-kumpanija tiġi xolta permezz tal-Qorti. Jispjega li d-diretturi mhumiex f'posizjoni li jikkonfermaw is-solvenza tal-kumpanija minħabba li ma kinux f'posizjoni li jottjenu l-aħħar kontijiet tal-kumpanija u filfatt l-aħħar kontijiet ġew sottomessi fl-2018. Jispjega li bħala diretturi riedu li l-kumpanija tiġi xolta bl-aktar mod effikaċi u għalhekk qedgħin jitolbu li l-kumpanija tiġi xolta u tkun stalċjata permezz tal-Qorti.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-**Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbazi taghha hija msejjsa din il-procedura huwa l-artiklu 214(1)(a), jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

L**-Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*
>
> *għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tallaqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*
>
> *Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-riżoluzzjoni straordinarja meħuda fit-3 ta' Marzu 2022, DOK P2, tagħmel referenza ampja u ċara għad-diffikultjiet li l-kumpannija de quo għandha biex tkompli topera, u tispjega b'mod ċar u inekwivoku il-motivazzjoni li wasslet lil kumpannija għal dik ir-rizoluzzjoni, u ċioe li l-oġġettiv tagħha spiċċa kompletament.

Jgħid hekk il-**Professur Andrew Muscat** dwar *disappearance of the substratum* fil-pagna 1395 ta` "***Principles of Maltese Company Law***"[1]:-

> *A company`s substratum is the purpose or group of purposes which it is formed to achieve – in other words, its main objects. If the company has abandoned all its main objects (and not merely some of them) or if in practice it cannot achieve any of them, then its substratum has disappeared ………*

Meta kumpannija ma tagħmilx negozju tkun entita` bla ruħ għaliex ma tkunx qiegħda taqdi l-għanijiet tagħha. Milli aċċertat, il-kumpannija waslet at *a point of no return*.

Wara li fliet id-dokumenti esebiti u r-rekwiżiti legali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-riżoluzzjoni straordinarja saret u saret għal ragunijiet leġittimi fiċ-ċirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpannija.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti il-voti tal-liġi sabiex tkun tista` tgħaddi biex takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li jirrizultalha, din il-Qorti qeghda:

1. **Tordna** illi s-socjeta` **Petrozavodsk Gruppa Ltd (C-65063)** tiġi xjolta b'effett immedjat u konsegwentament stralċjata a bażi tal-artikoli 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Konsegwentament, tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjeta' **Petrozavodsk Gruppa Ltd (C-65063)** lir-**Ricevitur Ufficjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, fosthom illi:

    a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti ai termini tal-artiklu 227 tal-istess KAP 386,

    b) Jagħmel il-verifiki kollha necessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

    c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Petrozavodsk Gruppa Ltd (C-65063)** jista' għandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] (MUP – Second Edition – Volume Three - 2019)

d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' għandha,

**3. Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sal-udjenza li jmiss.

**4. Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jithallsu mis-soċjeta rikorrenti.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**